

32001R2136

1.11.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 288/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2136/2001****tat-23 ta' Ottubru 2001**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 723/97 dwar l-implementazzjoni tal-programmi ta' azzjoni ta' l-Istati Membri għall-kontroll tan-nefqa tat-Taqsima Garanziji tal-EAGGF**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 723/97 (³) jipprovdi illi l-Komunità tikkontribwixxi għan-nefqiet miġrura mill-Istati Membri sabiex jimplimentaw il-programmi l-għoddha ta' azzjoni, li joħorġu mill-obbligi l-għoddha Komunitarji approvati mill-Kummissjoni u mmirati sabiex itejbu l-istrutturi jew l-effettivitā tal-kontrolli fuq l-infiq tat-Taqsima Garanziji tal-EAGGF. L-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi jipprovdi illi l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja trid tiġi konċessa għal kull sena kalendarja għall-perjodu taż-żmien ta' ħames snin konsekutivi li jibdew mis-sena 1997, fil-limitu ta' l-appropjazzjoniet annwali awtorizzati mill-awtorità ta' l-estimi finanzjarji fid-dawl tal-perspettiva finanzjarja.

(2) Il-Kummissjoni ttrasmettiet lill-Kunsill rapport dwar ir-riżultati ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 723/97 matul il-perjodu taż-żmien mis-sena 1997 sas-sena 2000. Mogħtija r-rapporti ta' l-istima mħejjija mill-Istati Membri u l-effettivitā tal-programmi implimentati, il-Kummissjoni tikkunsidra illi l-Istati Membri għandhom jiissoktaw jirċievu l-assista finanzarja sabiex jimplimentaw il-programmi pprovduti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 723/97.

(3) B'mod partikolari, minn mindu ġew introdotti metodi tat-teknika ġodda u li jiswew ħafna flus bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1593/2000 tas-17 ta' Lulju 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3508/92 li jistabbilixxi sistema amministrativa integrata u tal-kontroll għal ċerti skemmi ta' l-ghajjnuna Komunitarja (⁴), fiż-żona tat-titjib

tas-sistema ta' l-identifikazzjoni tal-pakkett agrikolu li jkollu rikors għall-metodu tat-teknika tas-sistema tat-tagħrif ġeografiku u ta' l-ortofotografija diġitali, kontribuzzjoni Komunitarja hija ġġustifikata għalbiex tkopri parti min-nefqa miġrura mill-Istati Membri fil-qafas tal-programmi l-għoddha ta' azzjoni li jkopru dan il-qasam. F'dan il-kuntest, huwa approprijat, għar-raġunijiet taċ-ċarrezza legali, li jitħassar l-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 723/97.

(4) Il-perjodu taż-żmien li matulu l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja tista' tiġi mhalla għandu jiġi mgħedded b'sentejn.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 723/98 għandu jiġi emendat kif jixraq.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) No 723/97 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

- Fl-Artikolu 2(1), it-tieni subparagraphu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:  
“Madankollu, għal programmi li għandhom x'jaqsmu mas-sena 2002, il-limitu taż-żmien għas-sottmissjoni tal-programmi ta' azzjoni lill-Kummissjoni għandu jkun il-31 ta' Jannar 2002.”
- Fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 4(1), l-espressjoni “ħames snin konsekutivi” għandha tiġi mibdula bl-espressjoni “seba’ snin konsekutivi”.
- Fl-Artikolu 5, l-aħħar inċiż għandu jiġi mħassar.

(¹) ĠU C 270 E, tal-25.9.2001, p. 22.

(²) Opinjoni mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2001 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(³) ĠU L 108, tal-25.4.1997, p. 6.

(⁴) ĠU L 182, tal-21.7.2000, p. 4. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 495/2001 (ĠU L 72, ta' 1-14.3.2001, p. 6).

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-23 ta' Ottubru 2001.

*Għall-Kunsill*

A. NEYTS-UYTTEBROECK

*Il-President*

---